30 ta' Novembru 2019
129/2019

**ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI MMEXXIJA MILL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA F'DIĊEMBRU 2019**

Il-Ħadd 1 ta' Diċembru, fl-4:30 p.m., l-Arċisqof Charles J. Scicluna jamministra s-Sagrament tal-Griżma lill-adolexxenti fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija.

L-Erbgħa 4 ta' Diċembru, fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Knisja tal-Madonna ta' Loreto, il-Gudja.

Il-Ġimgħa 6 ta' Diċembru, fid-9:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa għall-istudenti tal-iskejjel tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti, fil-bidu tal-kampanja 'Milied Flimkien', fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa tixxandar live fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

Is-Sibt 7 ta' Diċembru, fis-6:15 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-15-il anniversarju mit-twaqqif tal-parroċċa ta' Pembroke.

Il-Ħadd 8 ta' Diċembru, festa ta' Marija Immakulata, fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fl-20 anniversarju mit-twaqqif tal-parroċċa tal-Ibraġ.

It-Tnejn 9 ta' Diċembru, fil-5:00 p.m., Monsinjur Arċisqof imexxi Quddiesa li matulha ssir il-Professjoni Solenni ta' Suor Sarah Rayah fl-Ordni tas-Sorijiet Karmelitani Skalzi tal-Klawsura, fil-Knisja ta' Santa Tereża, Bormla.

Is-Sibt 14 ta' Diċembru, fil-5:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa għall-familji organizzata mill-GRUFAN, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa tixxandar live fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

It-Tlieta 17 ta' Diċembru, fid-9:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-festa ta' San Ivo, fl-Oratorju tal-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.

It-Tlieta 24 ta' Diċembru, fil-5:00 p.m. Monsinjur Arċisqof imexxi l-ewwel għasar tal-Milied solenni fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta u fil-5:30 p.m., jiċċelebra l-Quddiesa tal-Vġili. Fil-10:45 p.m. jibda l-uffiċċju tal-qari li matulu ssir ukoll il-prietka tat-tfal, kif ukoll programm ta' għanjiet tal-Milied. F'nofsillejl, Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa Pontifikali fis-Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu, fil-Katidral tal-Imdina. Il-Quddiesa tixxandar live fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

L-Erbgħa 25 ta' Diċembru, Jum il-Milied, fil-11:00 a.m. Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa Pontifikali fis-Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa tixxandar live fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

Il-Ħamis 26 ta' Diċembru, fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fit-350 anniversarju mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan.

It-Tlieta 31 ta' Diċembru, fil-5:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fi tmiem is-sena u jitkanta t-Te Deum, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa tixxandar live fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**